# Birkirkara fi żmien il-Gwerra



Joe Brincat

F'Settembru tal-1939, faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-gwerra bdiet tinfirex madwar id-dinja. L-Italja damet taħsibha ma' liema naħa ser tissieħeb. Imbagħad fl-10 ta' Ġunju tal-1940, id-dittatur Taljan, Benito Mussolini ħabbar li l-Italja kienet daħlet fil-gwerra f'alleanza mal-Ġermanja Nażista.

L-għada, it-Taljani għamlu l-ewwel ħbit mill-ajru. Ħames bombers għaddew minn fuq il-gżira tagħna u xeħtu diversi bombi, li għamlu ħafna ħsara. Fost l-ewwel vittmi ta' dak il-jum, kien hemm Philip Busuttil, tfajjel ta' sittax-il sena minn Birkirkara, iben is-Surmast Busuttil, li kien ma' ħames artillieri oħra li lkoll tilfu ħajjithom f'Sant Iermu.

L-attakki mill-ajru komplew matul dak il-jum, u komplew ukoll fil-jiem ta' wara. Waħda mill-miri ta' dawn l-attakki kienet it-Tarzna u għalhekk ma setax jonqos li wieħed mill-postijiet l-aktar milquta kienet il-Kottonera. Diversi djar ġew imġarrfa, oħrajn sofrew ħafna ħsarat. Kien hemm ukoll ħafna mwiet, għalhekk ħafna nies mill- Kottonera bdew jaħarbu lejn postijiet aktar trankwilli. Birkirkara kienet waħda mil-lokalitajiet li bdiet timtela bir-refuġjati. Skont diversi stimi, il-popolazzjoni li kienet madwar l-għaxart elef issa telgħet għal xi ħamsin elf ruħ. Ir-refuġjati bdew jitpoġġew ma' familji oħra, u anki fl-iskola tal-gvern.



Il-kullegg San Alwigi ikkonvertit fi sptar

Birkirkara kienet issa saret ukoll il-belt kapitali tal-emergenza ta' Malta. Infetħu bosta uffiċini tal-Gvern u anki s-Seminarju spiċċa f'Birkirkara. Parti mill-Kulleġġ San Alwiġi u iktar tard parti mill-iskola tal-Gvern bdew jintużaw bħala sptar. Waqt li l-Awla Kapitulari u l-knejjes iż-żgħar bdew jintużaw għat-tagħlim.

Fis-6 ta' Lulju tal-1940, waqgħet l-ewwel bomba f'Birkirkara. Din ġiet fuq razzett, fi Triq Ganu, qrib



Philip Busuttil (l-ewwel vittma)

ta' Ħal Balzan, u minn hawn bdew jitħaffru x-xeltrijiet. Dawn damu jitħaffru sal-aħħar tal-1941. Attakki oħra li seħħew fl-1940 kienu fil-25 ta' Awwissu, u fil-ħmistax ta' Settembru. Il-kumplament tas-sena kienet waħda kwieta għal Birkirkara.

Is-sena 1941 kienet ukoll waħda kwieta, iżda mhux l-istess nistgħu ngħidu għan-naħa tal-Kottonera. L-aircraft carrier Ingliż, 'Illustrious', intlaqat mill-ajruplani tal-għadu u dan inġieb fit-tarzna ta' Malta biex jissewwa. Hawn, diversi ajruplani Ġermaniżi niżlu fi Sqallija, biex ikunu aktar viċin ta' Malta biex jgħarrqu dan il-bastiment. Fis-16 ta' Jannar tal-1941, għal sagħtejn sħaħ, ajruplani Ġermaniżi attakkaw bla heda l-aircraft carrier, u komplew jattakkawha b'qilla kbira fil-jiem ta' wara. Iżda b'xorti tajba ma rnexxielhomx jgħarrquha.

Biss dak li ma għamlux lill-aircraft carrier, għamluh lil Malta, b'mod partikulari lill-Kottonera. Bombi mmirati għal fuq dan il-bastiment, laqtu knejjes u bini ieħor fosthom il-knisja parrokkjali tal-Isla, li ġġarfet parti kbira minnha. Iżda b'fortuna kbira l-istatwa devota tal-Bambina u tar-Redentur ma ntmessux. Għaldaqstant fl-20 ta' Jannar inġiebu għall-kenn fil-Kolleġġjata Elenjana. Imbagħad erbat ijiem wara inġiebu wkoll il-vara u l-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni ta' Bormla.



L-Istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla

Is-sena 1942 kienet l-għar waħda għall-Karkariżi għax matulha saru mhux inqas minn dsatax-il ħbit mill-ajru. L-ewwel attakk sar fit-2 ta' Jannar, meta matul il-lejl, bombi mitfugħin minn ajruplani Ġermaniżi, waqgħu fi Triq Brared. Erbat idjar iġġarrfu għalkollox, filwaqt li għaxra oħra ġarrbu xi ħsarat. F'dan l-attakk żewġ irġiel anzjani, sfaw maqtula, u xi persuni oħra korrew ħafif. Imbagħad fl-4 ta' Jannar, intlaqtu erbat idjar oħra.


Il-Kwadru tal-Kunċizzjoni ta' Bormla

Din id-darba f'Anġlu Mallia Junction u ġarrbu ħsarat kbar. Erba' persuni weġġgħu ħafif.

Fi Frar ta' dik is-sena seħħu żewġ diżgrazzji simili ta' xulxin. Żewġ balal tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani waqgħu u splodew, waħda fi Triq Għar il-Ġobon, kantuniera ma' Triq San Ġiljan, u l-oħra fi Triq l-Isqof Labini. Seba' persuni korrew f'dawn l-inċidenti. Tnejn minnhom gravi.

Insibu ukoll li fl-4 ta' Marzu, raġel li kien qed jaħdem fl-għalqa tiegħu f'Tal-Balal, laqat bomba bil-moħriet, il-bomba splodiet u korrietu gravi. Ittieħed l-isptar u miet ftit wara. Inċident ieħor li ġara fi żmien il-gwerra f'dak ix-xahar, kien dak li seħħ fl-10 ta' Marzu meta ajruplan Ingliż, ikkraxxja f'għalqa qrib l-Imrieħel, fejn tilef ħajtu l-pilota.

Waħda mill-ikbar diżgrazzji ta' matul il-gwerra, seħħet fit-13 ta' April meta fi ħbit mill-ajru ntlaqtu għadd ta' djar fi Triq l-Imsida. Disgħa minnhom iġġarrfu għalkollox, u ħafna oħrajn sofrew ħsarat kbar. Tliet persuni instabu mejta mill-ewwel, u bosta oħrajn inqabdu taħt it-tifrik. B'kollox, f'dan l-attakk, tilfu ħajjithom 15-il ruħ.

Ta' min isemmi li Ġunju kien wieħed kwiet. F'dan ix-xahar l-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku inġieb ġo Birkirkara fil-bini tal-Każin tal-Banda Duke of Connaught, fi Triq il-Wied.

Fl-10 ta' Lulju tal-1942 waqgħu xi bombi f'Ħas-Sajjied u mietu tlettax-il ruħ. Imbagħad fis-26 ta' dan ix-xahar, tifel ta' tlettax-il sena, indarab gravi, meta splodiet f'idejh bomba żgħira, waqt li kien qed jilgħab biha. Fit-30 ta' Lulju, waqt air-raid, intefgħu għadd ta' bombi tal-ħin. Waħda splodiet f'dar fi Pjazza Sant Elena u għamlet ħafna ħsara. Ħadd ma korra, iżda bomba oħra kbira waqgħet fuq dar, fi Triq Santu Rokku, (quddiem Sqaq Biċċier) li ġarrfet il-bini. Il-Kanonku Dun Vincenz Saliba, b'sogru kbir għal ħajtu, tela' ma' sellum, u b'kuraġġ kbir salva tnejn min-nies, u ħariġhom mill-bini. Il-bomba li kienet għadha ma splodietx, ħarġuha minn ġol-bini u ħallewha fit-triq. It-triq ingħalqet, iżda n-nies baqgħet tgħaddi xorta waħda u għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart tal-għada filgħodu, splodiet. Tlettax-il ruħ tilfu ħajjithom u ħafna oħrajn korrew gravi. Fl-aħħar ta' Lulju, intefgħu ħafna bombi "anti-personnel" fuq ħafna bnadi ta' Birkirkara. Tfajjel ta' erbatax-il sena instab mejjet f'għalqa fi Triq Fleur de Lys b'waħda minn dawn il-bombi.



Pellegrinaġġ Kunċizzjoni
19 ta' Novembru 1944



Pellegrinaġġ Kunċizzjoni
Kwadru 19 ta' Novembru 1944

Ġrajja oħra interessanti ġrat fil-15 ta' Ottubru għall-ħabta tal-5:00 ta' filgħaxija, meta twaqqa' ajruplan Ġermaniż. Il-pilota ta' 21 sena, niżel bil-paraxut qrib il-grawnd tal-Iskola Teknika tal-Imrieħel u ttieħed mill-pulizija militari. Fis-17 ta' Ottubru tal-1942 splodiet bomba fi Triq Psaila, fejn iġġarrfet dar għalkollox, u dar oħra ġarbet ħsarat kbar. Sitt persuni tilfu ħajjithom u tmienja oħra ndarbu. Intefgħu ukoll ħafna bombi tal-ħruq u 'anti-personnel' fi Triq Sant' Antnin. Żewġt aħwa bniet, tilfu ħajjithom, filwaqt li ommhom u oħthom, ġarrbu ġrieħi gravi. Fit-22 ta' Ottubru fi Triq l-Imsida, għal darb'oħra, taqa' bomba u ġġarraf żewġt idjar. F'dan l-inċident korrew tliet persuni.

L-aħħar attakk fuq Birkirkara seħħ fit-2 ta' Novembru meta bombi anti-personnel' intefgħu fi Triq Naxxar u f'xi għelieqi fil-Mensija. Raġel korra gravi, u ttieħed l-isptar. Fis-7 ta' Settembru tal-1943, l-istatwa tal-Bambina tal-Isla, ittieħdet lura fil-belt Sengleana. L-għada filgħaxija, saret il-purċissjoni b'din l-istatwa u waqt li kienet waslet ix-xatt tal-Isla, ġriet l-aħbar li l-Italja, kienet ċediet.

Billi l-gwerra issa kienet tbiegħdet minn fuq Malta, il-Bormliżi riedu jwettqu l-wegħda li kienu għamlu ftit aktar minn tliet snin qabel, li jekk il-knisja tal-Immakulata ma tkunx minsusa, huma jwasslu lura l-kwadru titulari kif ukoll l-istatwa tal-Kunċizzjoni, f'pellegrinaġġ devot, bil-mixi, minn Birkirkara sa Bormla. Għalhekk fid-19 ta' Novembru 1944 għamlu dan il-pellegrinaġġ kbir, kif wegħdu, bħala radd il-ħajr talli s-santwarju tagħhom ma ġarrabx ħsarat.

Minn din il-kitba wieħed jista' jinduna iż-żminijiet diffiċli li għaddew minnhom missirijietna fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Żminijiet ta' qtigħ il-qalb, ansjetà u tbatija, speċjalment dawk li tilfu lil qrabathom mirdumin taħt it-terrapin ta' djarhom.